MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 568/2013

Joseph Said Limited (C 5857)
vs
Albert Agius

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rikors tas-socjeta` rikorrenti li bih esponiet:

Illi l-intimat huwa debitur tas-socjeta` rikorrenti fis-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin elf u sebgha u sittin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€129067.23), liema ammont jirrapprezenta bilanc ta’ prezz ta’ prodotti ta’ l-ikel provduti mis-socjeta` rikorrenti u konsenjati lill-intimat fuq inkarigu ta’ l-istess intimat u dana skond ma jirrizulta mill-*istatement* tal-kont mizmum mas-socjeta` rikorrenti, liema *statement* gie anness mar-rikors u mmarkat Dokument “A” flimkien mal-fatturi relattivi li qed gew esebiti mar-rikors u mmarkati bhala Dok “B”, oltre l-interessi dekorribbli fuq l-istess;

Illi l-intimat kien hareg numru ta’ cekkijiet fuq zewg banek differenti a favur tas-socjeta` rikorrenti bhala hlas ta’ parti mill-ammont dovut fuq imsemmi f’Settembru 2012 u f’April 2013, liema cekkijiet pero` baqghu ma ssarfux in kwantu jidher li l-intimat ma kellux fondi fil-kont bankarju li minnu nhargu c-cekkijiet u dana kif jirrizulta mill-kopji tac-cekkijiet relattivi annessi mar-rikors u mmarkati Dok “C”;

Illi l-intimat gie interpellat diversi drabi biex ihallas is-somma msemmija u dana anke permezz ta’ ittra ufficjali prezentata fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar id-9 ta’ Novembru, 2012 (Dokument “D”) izda baqa` inadempjenti;

Illi jikkonkorru l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur ta’ l-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smigh u dana peress li d-dejn imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, l-intimat m’ghandux eccezzjonijiet validi fil-ligi x’jaghti kontra t-talba tal-hlas ta’ l-imsemmi ammont;

Illi r-rikorrenti jaf b’dawn il-fatti personalment;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Is-socjeta` rikorrenti talbet lill-Qorti joghgobha, prevja d-dispensa mis-smigh a tenur ta’ l-artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta:

1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta’ mija u disgha u ghoxrin elf u sebgha u sittin ewro u tlieta u ghoxrin centezmu (€129067.23) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti ta’ l-ikel provduti mis-socjeta` rikorrenti u konsenjati lill-intimat fuq inkarigu ta’ l-istess intimat kif fuq inghad.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 768/2013 u bl-imghax kummercjali mit-23 ta’ Marzu, 2012, id-data ta’ meta kellha tithallas l-ahhar fattura, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat li gie ingunt in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat li gie prezentat affidavit ta' Keith Said, Direttur tas-socjeta` rikorrenti.

Rat li kif jirrizulta mill-verbal tad-9 ta' Lulju, 2013 f'dik is-seduta deher l-intimat Albert Agius assistit minn Dr. Abela u ammetta t-talba.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq ammissjoni, il-Qorti filwaqt li qed tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12, tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess socjeta` rikorrenti s-somma ta' €129,067.23 rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' prodotti ta' l-ikel provduti mis-socjeta` rikorrenti u konsenjati lill-intimat fuq inkarigu ta' l-istess intimat.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 768/2013 u bl-imghax kummercjali mit-23 ta' Marzu, 2012, id-data ta' meta kellha tithallas l-ahhar fattura, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------